

**DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL****tal-15 ta' Novembru 2013**

**li tapprova l-konklużjoni mill-Kummissjoni Ewropea, fisem il-Komunità Ewropea għall-Enerġija Atomika, tal-Protokoll għall-Ftehim ta' Stabbilizzazzjoni u Assoċjazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, minn naħa u r-Repubblika tal-Albanija, min-naħa l-oħra, sabiex titqies l-adeżjoni tar-Repubblika tal-Kroazja mal-Unjoni Ewropea**

(2014/317/Euratom)

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea għall-Enerġija Atomika, u b'mod partikolari it-tieni paragrafu tal-Artikolu 101 tal-istess Trattat,

Wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni mill-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) Fl-24 ta' Settembru 2012 il-Kunsill awtorizza lill-Kummissjoni tiftaħ negozjati mar-Repubblika tal-Albanija sabiex tikkonkludi Protokoll għall-Ftehim ta' Stabbilizzazzjoni u Assoċjazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, minn naħa, u r-Repubblika tal-Albanija, min-naħa l-oħra, sabiex titqies l-adeżjoni tar-Repubblika tal-Kroazja mal-Unjoni Ewropea ("il-Protokoll").
- (2) Dawk in-negozjati tlestew b'suċċess u l-Protokoll ġie approvat mill-awtoritajiet Albaniżi, permezz ta' skambju ta' ittri fl-1 ta' Awwissu 2013.
- (3) Il-konklużjoni, mill-Kummissjoni, tal-Protokoll għandha tiġi approvata fir-rigward tal-materji li jaqgħu taħt il-kompetenza tal-Komunità Ewropea għall-Enerġija Atomika.
- (4) L-iffirmar u l-konklużjoni tal-Protokoll huma soġġetti għal proċedura separata fir-rigward ta' kwistjonijiet li jaqgħu taħt il-kompetenza tal-Unjoni u tal-Istati Membri tagħha.

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu Uniku*

Il-konklużjoni mill-Kummissjoni Ewropea, fisem il-Komunità Ewropea għall-Enerġija Atomika, tal-Protokoll għall-Ftehim ta' Stabbilizzazzjoni u Assoċjazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, minn naħa u r-Repubblika tal-Albanija, min-naħa l-oħra, sabiex titqies l-adeżjoni tar-Repubblika tal-Kroazja mal-Unjoni Ewropea hija b'dan approvata.

It-test tal-Protokol huwa mehmuż ma' din id-Deċiżjoni.

Magħmul fi Brussell, il-15 ta' Novembru 2013.

*Għall-Kunsill**Il-President*

R. ŠADŽIUS